

# KUMMISSJONI

## DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-12 ta' Ġunju 2007

**dwar miżuri kontra d-dħul u t-tixrid fi ħdan il-Komunità tal-Vajrojċ tat-tuberi mrekkla tal-patata**

(notifikata taħt id-dokument numru C(2007) 2451)

(2007/410/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

F'dak li għandu x'jaqsam ma' dan l-organiżmu ta' ħsara, m'hemmx fil-preżent rekwiżiti speċjali għal dawn il-pjanti li joriġinaw fil-Komunità.

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2000/29/KE tat-8 ta' Mejju 2000 dwar miżuri protettivi kontra d-dħul fil-Komunità ta' organiżmi ta' ħsara għall-pjanti jew prodotti tal-pjanti u kontra t-tixrid tagħhom fi ħdan il-Komunità<sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 16(3),

Billi:

(1) Skond id-Direttiva 2000/29/KE, fejn Stat Membru jqis li hemm periklu ta' dħul jew ta' tixrid fit-territorju tiegħu ta' organiżmu perikoluż elenkat fl-Anness I jew l-Anness II ta' din id-Direttiva, għandu jieħu kull miżura meħtieġa sabiex iħares lilu nnifsu minn dan il-periklu.

(2) Minħabba l-preżenza tal-Vajrojċ tat-tuberi mrekkla tal-patata, l-Olanda għarrfet lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni fl-14 ta' Frar 2007 li adottat fl-14 ta' Frar 2007 miżuri uffiċjali kontra aktar dħul u tixrid fi ħdan it-territorju tagħha ta' dan l-organiżmu ta' ħsara.

(3) Il-vajroid tat-tuberi mrekkla tal-patata huwa mniżżel fit-Taqsimha I tal-Parti A ta' l-Anness I tad-Direttiva 2000/29/KE, u bħala organiżmu li d-dħul u t-tixrid tiegħu għewwa l-Komunità għandu jiġi pprojbit.

(4) Il-vajroid tat-tuberi mrekkla tal-patata nstab fuq il-pjanti tas-*Solanum jasminoides* Paxton u tal-*Brugmansia* Pers. spp..

(5) Jeħtieġ li jittieħdu miżuri kontra d-dħul u t-tixrid fi ħdan il-Komunità ta' l-organiżmu ta' ħsara, peress li t-tagħrif xjentifiku disponibbli wera li l-preżenza ta' dan l-organiżmu fuq dawn il-pjanti tista' twassal għal aktar tixrid tiegħu.

(6) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni għandhom japplikaw għad-dħul jew it-tixrid ta' l-organiżmu ta' ħsara, l-importazzjoni, il-produzzjoni u ċ-ċaqliq tal-pjanti tal-ġeneru *Brugmansia* Pers. spp., u l-ispeċji *Solanum jasminoides* Paxton, intiżi għat-tħawwil, inklużi żrieragħ, fi ħdan il-Komunità. Barra minn hekk, għandu jitħejja sħarriġ dwar il-preżenza jew l-assenza ssokkata ta' l-organiżmu ta' ħsara fl-Istati Membri.

(7) Huwa xieraq li r-riżultati tal-miżuri jiġu vvalutati, b'mod partikolari fuq il-bażi tat-tagħrif li jrid jiġi pprovdut mill-Istati Membri, li fuqu jissejju miżuri oħra possibbli fil-ġejjieni.

(8) L-Istati Membri għandhom jadottaw, jekk meħtieġ, il-leġislazzjoni tagħhom sabiex ikunu f'konformità mad-Deċiżjoni.

(9) Ir-riżultati tal-miżuri meħuda għandhom jiġu riveduti sad-29 ta' Frar 2008.

(10) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma f'konformità ma' l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar is-Saħħa tal-Pjanti,

(<sup>1</sup>) ĠU L 169, 10.7.2000, p. 1. Id-Direttiva kif l-aħħar emendata bid-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/35/KE (ĠU L 88, 25.3.2006, p. 9).

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

**Importazzjoni tal-pjanti speċifikati**

Il-pjanti tal-ġeneru *Brugmansia Pers. spp.*, u l-ispeċji *Solanum jasminoides* Paxton, intiżi għat-tħawwil, inklużi ż-żrieragħ (minn issa "il-pjanti speċifikati"), jistgħu jidħlu fil-Komunità biss jekk:

- (a) ikunu konformi mar-rekwiżiti stipulati fil-punt 1 ta' l-Anness, u
- (b) jiġu spezzjonati, kif jidħlu fil-Komunità, u ttestjati mill-korp uffiċjali responsabbli għall-preżenza tal-Vajrojdt tat-tuberi mrekkla tal-patata, skond l-Artikolu 13a(1) tad-Direttiva 2000/29/KE, u jinstabu ħielsa minnu.

*Artikolu 2*

**Ċaqliq tal-pjanti speċifikati fi ħdan il-Komunità**

Il-pjanti speċifikati li joriġinaw fil-Komunità jew impurtati ġewwa l-Komunità skond l-Artikolu 1 jistgħu jiġu mċaqlqa fi ħdan il-Komunità biss jekk iħarsu l-kondizzjonijiet stabbiliti fil-punt 2 ta' l-Anness.

*Artikolu 3*

**Stħarriġ u notifikazzjonijiet**

1. L-Istati Membri għandhom iwettqu stħarriġ uffiċjali, u fejn xieraq, testijiet, għall-preżenza tal-Vajrojdt tat-tuberi mrekkla tal-patata fuq il-pjanti jew evidenza ta' infezzjoni minn dan l-organiżmu ta' ħsara fit-territorju tagħhom.

Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 16(2) tad-Direttiva 2000/29/KE, ir-riżultati ta' dan l-istħarriġ għandhom jiġu nnotifikati lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra sa l-10 ta' Jannar 2008.

2. Kull okkorrenza ssuspettata jew preżenza kkonfermata tal-Vajrojdt tat-tuberi mrekkla tal-patata għandha tiġi nnotifikata minnufih lill-korpjiet uffiċjali responsabbli.

*Artikolu 4*

**Konformità**

L-Istati Membri għandhom jemendaw, jekk meħtieġ, il-miżuri li adottaw biex iħarsu lilhom infushom kontra d-dħul u t-tixrid tal-Vajrojdt tat-tuberi mrekkla tal-patata b'tali mod li dawn il-miżuri jkunu konformi ma' din id-Deċiżjoni. Għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni minnufih b'dawn il-miżuri.

*Artikolu 5*

**Reviżjoni**

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi riveduta mhux aktar tard mid-29 ta' Frar 2008.

*Artikolu 6*

**L-Indirizzati**

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, 12 ta' Ġunju 2007.

*Għall-Kummissjoni*

Markos KYPRIANOU

*Membre tal-Kummissjoni*

## ANNEX

**Miżuri addizzjonali msemmija fl-Artikoli 1 u 2 ta' din id-Deċiżjoni****1. Rekwiżiti ta' importazzjoni speċifiċi**

Mingħajr ħsara għall-punt 13 tal-Parti A ta' l-Anness III tad-Direttiva 2000/29/KE, il-pjanti speċifikati li joriġinaw f'pajjiżi terzi għandhom ikunu akkumpanjati minn ċertifikat kif imsemmi fl-Artikolu 13(1)(ii) ta' din id-Direttiva li jstipula taħt it-titlu "dikjarazzjoni addizzjonali" li l-pjanti speċifikati joriġinaw u ġew imkabbra tul ħajjithom kollha f'post ta' produzzjoni kif iddefinit fl-Istandard Internazzjonali għall-Miżuri Fitosanitarji Nru 5 <sup>(1)</sup> tal-FAO (minn issa 'l quddiem "il-post ta' produzzjoni") li huwa reġistrat u sorveljat mill-organizzazzjoni nazzjonali għall-ħarsien tal-pjanti fil-pajjiż ta' l-oriġini,

- (a) f'pajjiżi fejn il-Vajrojds tat-tuberi mrekkla tal-patata huwa magħruf li ma jinsabx; jew
- (b) f'żona ħielsa mill-insetti qerrieda, stabbilita mill-organizzazzjoni nazzjonali għall-ħarsien tal-pjanti fil-pajjiż ta' oriġini skond l-Istandards Internazzjonali għall-Miżuri Fitosanitarji. L-isem taż-żona ħielsa mill-insetti qerrieda għandu jissewma taħt it-titlu "post ta' oriġini"; jew
- (c) fejn il-lottijiet kollha tal-pjanti speċifikati ġew ittestjati u nstabu ħielsa mill-Vajrojds tat-tuberi mrekkla tal-patata, qabel iċ-ċaqliq tagħhom; jew
- (d) fejn il-pjanti tat-tniissil kollha assoċjati tal-pjanti speċifikati ġew ittestjati u nstabu ħielsa mill-Vajrojds tat-tuberi mrekkla tal-patata, qabel l-ispustament tal-pjanti speċifikati. Wara l-ittestjar, il-kundizzjonijiet tat-tkabbir ikunu tali li l-pjanti tat-tniissil assoċjati u l-pjanti speċifikati jibqgħu ħielsa mill-Vajrojds tat-tuberi mrekkla tal-patata qabel l-ispustament.

**2. Kundizzjonijiet għall-ispustament**

Il-pjanti kollha speċifikati li joriġinaw fil-Komunità jew li ġew impurtati ġewwa l-Komunità skond l-Artikolu 1 ta' din id-Deċiżjoni, bl-eċċezzjoni ta' kwantitajiet żgħira ta' pjanti għall-użu mis-sid jew ta' min jirċievihom għal skopijiet mhux kummerċjali sakemm m'hemm riskju ta' tixrid ta' l-organiżmu ta' ħsara, jistgħu jiġu spustati fi ħdan il-Komunità basta jkunu akkumpanjati minn passaport tal-pjanti mħejji u maħruġ skond id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva tal-Kummissjoni <sup>(2)</sup> 92/105/KEE u jkunu tkabbri tul ħajjithom kollha jew minn meta ġew introdotti fil-Komunità f'post ta' produzzjoni:

- (a) fi Stat Membru fejn il-Vajrojds tat-tuberi mrekkla tal-patata huwa magħruf li ma jinsabx; jew
- (b) f'żona ħielsa mill-insetti qerrieda, stabbilita mill-korp uffiċjali responsabbli fi Stat Membru, skond l-Istandards Internazzjonali għall-Miżuri Fitosanitarji rilevanti; jew
- (c) fejn il-lottijiet kollha tal-pjanti speċifikati ġew ittestjati u nstabu ħielsa mill-Vajrojds tat-tuberi mrekkla tal-patata, qabel iċ-ċaqliq tagħhom; jew
- (d) fejn il-pjanti tat-tniissil kollha assoċjati tal-pjanti speċifikati ġew ittestjati u nstabu ħielsa mill-Vajrojds tat-tuberi mrekkla tal-patata, qabel l-ispustament tal-pjanti speċifikati. Wara l-ittestjar, il-kundizzjonijiet tat-tkabbir ikunu tali li l-pjanti tat-tniissil assoċjati u l-pjanti speċifikati jibqgħu ħielsa mill-Vajrojds tat-tuberi mrekkla tal-patata qabel iċ-ċaqliq.

<sup>(1)</sup> Glossarju tat-Termini Fitosanitarji - Standard ta' Referenza ISPM Nru 5 mis-Segretarjat tal-Konvenzjoni Internazzjonali għall-Ħarsien tal-Pjanti, Ruma.

<sup>(2)</sup> ĠU L 4, 8.1.1993, p. 22. Id-Direttiva kif emendata bid-Direttiva 2005/17/KE (ĠU L 57, 3.3.2005, p. 23).